Personal Property
Grasci

Carriera Sbagliata
Ed. Ancora Milano

1022

# Ałjar Sirt Awukat

Salesian Theatre
- Sliema -

Script Nos: 355

Ilhaq sar Avukat -

~~K A R R I E R A   Z B A L J A T A~~

Kimmidja fi Tliet Atti

xoghol

~~te'~~

Carmelo Gauci

Persunaggi

L-avukat Caruana ..................

Hallieł ..........................

Pawlu Gatt........................ ~~[illegible]~~ segretarju tal-avukat

Klient Cassar.....................

Klient Casha .....................

Klient German.....................

Gojjellier........................

Pulizzija ........................

Spettur...........................

Gurnalista........................

Xena Fissa

Qeghdin il-Belt. Ix-xena turina officcju ta' avukat. Lejn ix-xellug in-naha ta' quddiem skrivanija bit-telephone u xi karti u kotba. Fil-faccata librerija u xi mobbli ohra. Lejn il-lemin fil-fond mejda zghira u typewriter. Dhul mix-xellug fil-fond ~~kx~~ li jkun jidher li huwa bieb ta' kamra laterali. Jista' jkun hemm tieqa ghal barra.

# L-EWWEL ATT

Pawlu, l-avukat .... imbaghad il-klient Casha

## Xena I

Pawlu qieghed jirranga mazz fjuri fuq l-iskrivanija. Fil-waqt jidhol l-avukat Caruana.

Avu   Min hu dan l-injutant li baghtli l-fjuri?!

Paw   Jien avukat, bix-xewqat tajba ghat-tieg tieghek.

Avu   Tajjeb; grazzi mix-xewqat u mill-fjuri ghalkemm ghad baqaghli gimgha ghat-tieg. Ara, Pawl, aghmilli pjacir u ghal issa ma nitkellmux iktar fuq dan l-imbierek ta' tieg. inhossni xbajt sal-ponta ta' mniehri, ma nismax hlief tieg..tieg...tieg.........

Paw   Int ghandek ragun avukat, imma kieku taf kemm jien ferhan b'dan it-tieg tieghek zgur li ma tghidlix hekk. Jien xjaht u bqajt guvni u issa mhux qed jiddispjacini bil-ftit li ma ghamiltx di l-bicca xoghol f'waqtha.... Issa hej ghall-maghmul m'hemmx kunsill!

Avu   Pawl ilek xahar shih sejjer kantaliena wahda. Gimgha ohra nizzewweg u m'hemmx ghalfejn tghidli iktar. Inhossni xbajt wahdi... u li jkollok il-mara tiehu hsiebek.... il-ferh tal-familja.... kollox qed iheggigni biex infittex nizzewweg..... imbaghad fuq kollox hemm ukoll l-affari tal-flus!

Paw   Qed nifhem!.. ... Avukat, zomm tajjeb f'rasek li l-flus mhux kollox!

Avu   Fi zmien ta' ghaks bhal dan, mita bil-professjoni b'kollox m'ahniex naqilghu sold, allahares ma tkunx xi bicca xoghol bhal din..... daqsxejn ta' sinjorina b'dota tajba thossha ttellghek is-sema. (Jurih karta) Hawn, ara daqsxejn kemm sejjer tajjeb.... kawza ohra mitlufa. Tista tahseb kemm ser jiehu gost il-klient mita nghidlu li l-Qorti tah tort u tellfu l-kawza waqt li jien ghidtlu:(Jibdel lehnu) Le,le.. m'ghandi ebda dubju li ma nohorgux bil-

bandiera tar-rebh! ... U tassew kellu jirbahha ghax ghandu ragun.

Paw Naturalment ighid li kollu tort tal-avukat.

Avu Hekk hu! Mhux dejjem ahna nahlu mal-klienti. Kieku xi darba jehel il-magistrat jew l-imhallef!

Paw Isma sinjur, jien m'inix avukat imma ta' xih li jien nista nghid xi haga. Int ghadek tibda l-karriera u min jaf kemm ghad trid titlef kawzi; jien nara li izjed importanti taghraf tithallas ta' kawza milli titlifha jew tirbaghha. Fi ftit kliem l-aqwa li jhallsuk.

Avu Kieku tajjeb, imma ma jistax ikun li tibqa sejjer hekk ghal zmien. Jien hadt dan l-officcju sentejn ilu b'ghaxar klienti u f'dan il-ftit zmien ma baqax hlief tlieta, anzi nista nghid bil-liberta' kollha li tnejn, ghax wara kawza bhal din mitlufa wkoll, dan il-klient zgur li ma narax wiccu iktar.

Paw U jkollu ragun ghax bid-dritt il-kawza kella tkun tieghu.

Avu Dan kollu nqala ghaliex mar ghall-gurament gurnata wara li kienu baghtu ghalih. B'hekk tilef id-drittijiet kollha fuq il-mitejn lira li kellu jiehu, u fuq kollox irid ihallas ukoll l-ispejjes. (Iccempel il-qampiena)

Paw (Imur fl-intrata u jiftah; jigi fil-bieb tal-officcju) Is-sur Casha, avukat!

Avu (Wahdu) Hawn ahna!... Ghidlu jghaddi.

Casha (Jidhol) Bongornu, avukat!

Avu Bongornu!

Casha Ghaddejt biex nara kif bqajna fuq dawk il-mitejn lira.

Avu Hawn ara, kumbinazzjoni ghandi l-kawza f'idejja.

Casha Almenu fl-ahhar ser niehu flusi. L-imhallef maghna kien, hux hekk sur avukat?

Avu (Imhawwad) Propjament.... mhux ghal kollox.

Casha Kif mhux ghal kollox ? Jekk inti dejjem ghidtli li kelli ragunijiet cari daqs il-kristall!... ma naghmlux li issa ser jibdew jinqalghu l-iskuzi hux!

Avu Jien hekk ghidtlek; imma milli nista' nifhem il-Qorti ma fehmiex bhalna preciz.....

Ea fehmiex bhalna preciz.

Casha U iva, insomma flok tawni l-mitejn naqqsuli xi haga zghira. Nghidu ahna tawni xi mija u hamsa u disghin......?

Avu Inqas...inqas...

Casha Iva naqqsulna ghoxrin?

Avu Inqas.

Casha Mela allura ghidli! spjegali ftit ghax ma nista nifhem xejn.

Avu Fi ftit kliem il-Qorti fehmitha l-kuntrarju, u mhux talli tellfitna s-somma imma fuq kollox wahhlitna wkollk bl-ispejjes.

Casha Impossibbli avukat! Din ser tkun ir-rovina tieghi! Dawk flusi!

Avu Naf, imma t-tort kollu tieghek ghax ma mortx fil-gurnata li gejt avzat biex tiehu l-gurament.

Casha Allura b'daqshekk nitlef kollox?! Din ingustizzja kbira. German, l-avversarju tieghi, huwa halliel maghruf, ghandu kondotta mill-ghar u gie emmnut, waqt li lili ma tawx kaz tieghi.

Avu Eh, l-kawzi civili m'ghandhom x'jaqsmu xejn mal-kawzi kriminali.

Casha (Jibda biex jitlef il-boxxla) Kif m'ghandhomx x'jaqsmu!? U nghid jekk ghandhomx! Anzi jekk inti ma nqdejtx bihom bhala arma qawwija kontra tieghu, ippermettili nghidlek li int tassew avukat tal-kawzi mitlufa.

Avu Ara nhallu dawn l-unuri fil-gemb. Int bhal issa ma tafx x'inti tghid; mur aghmel passiggata zghira biex tikkalma ftit u erga ejja. Wara kollox ghandna d-dritt kollu li nappellaw .....sintendi.... b'xi ftit tal-ispejjes.

Casha Kif? Ghandek wicc titlobni flus iktar! Mhux bizzejjed hadtli dawk il-flus kollha u telliftni l-kawza! Hekk jonqos nerga nzid fl-ispejjes!

Avu Imma ruhi...il-procedura tal-Qorti..

Casha (Jitlghulu) X'ruhi, ruhi!... xi procedura !!...Jien irrid gustizzja u xejn iktar!!

Avu Afli m'inti tirraguna xejn! Ara mur aghmel zewg passi imbaghad erga ejja .(Jghajjat) Pawlu!

Casha Jien nixtieq naf b'liema proposta hrigt! Il-kaz kien hekk car li bilkemm kelli ghalfejn inqabbad avukat. U jien gejt nitwikka bi hmar bhalek.

Avu (Lil Pawlu li jidhol in-xena) Wasslu sa barra lil dan is-sinjur!

Casha Sewwa;.... hallastek tal-ispejjes, telliftni l-kawza, u minn fuq ghajjat lis-seftur biex titfaghni 'l barra! Immur, kollox sew, imma terga tarani hawn f'qasir zmien; tahsibx li ser tghaddiha lixxa.(Johrog kwazi migbut mis-seftur.)

Avu (Jiehu nifs qawwi) Almenu telaq! Il-lum bdejniha hazin wisq il-gurnata.

Pawlu (Jidhol) Kemm telaq kuntent dal-klient, avukat.

Avu Emminni Pawl, tassew klient bla raguni.

Pawlu Bilhaqq, issa qed niftakar, qabel ma dhalt int fl-officcju gie s- sur Cassar biex jirtira l-hamsin lira li rebah minn ghand l-avversarju tieghu u li tahom lilek biex thallas int.

Avu U int x'ghidtlu?

Pawlu Ghidtlu li int qieghed il-qorti u li ghal issa mhabbat hafna; imma milli jidher ma ghamilt xejn biex nikkalmah ghax beda jghajjat u jghid li din tieghek hija loghba. Ried jaf bil-fors l-indirizz tad-dar tieghek. Qalli: Ilu ga tliet xhur ighaddi z-zmien bija u jekk ma jhallasnix di l-gimgha stess nidhol kawza mieghu jew narrestah sakemm ihallas.

Avu (Ftit u xejn imhawwad; jippassigga mal-kamra) Din ohra, Pawl; din aqwa minn kawza mitlufa .

Pawlu Inti hallsu, sinjur!

Avu Mnejn tridni nhallsu jekk il-hamsin lira ma baqax sold minnhom! Dawk infaqthom biex dort dawra ma' dwari u xtrajt bjankerija u xi zewg ilbiesi. Emminni sthajt nghid lill-gharusa tislifni xi haga. Jien ma kelli ebda hsieb li nisraqhom, imma ghidt dak mhux ser jigi ghalihom malajr u sa dan it-tant nissellifhom ftit..... Qed ghaliex jista jaghmilli denunzja ghad-dejn u din xejn

ma taghmilli unur, la mal-klienti u anqas mal-avukati shabi. Dan insejhulu nuqqas ta legislazzjoni.

Pawlu Qed nifhem, qed nifhem avukat. Ragel tal-eta' tieghu ma niskanta b'xejn, iktar u iktar mita ghaddejt l-isbah zmien ta' hajti fost l-avukati. Rajt avukati jghaddu z-zmien bil-klienti u jimbruljawlhom xi parti mis-somma li jkunu rebhu; rajt ukoll klienti li,wara li l-imsejken avukat ikun ghamel minn kollox biex jirbah il-kawza, jitilqulu minghajr ma jhallsuh anqas biss tal-ispejjes; imbaghad rajt ukoll ohrajn li ghalihom il-kelma gustizzja qatt ma ltaqghu maghha. Jien dejjem ippruvajt nirrangalhom minn hawn u minn hemm. Fil-kaz tieghek, sinjur, jekk nistghu nirrangaw xi haga jien lest biex nghinek..... basta li ma nhammig idejja!

Avu Naf li int ma tista taghmel xejn biex tislifni l-hamsin lira. (Pawsa) Pawl qieghed fi problema mill-ikbar.Ara f'liema pozizzjoni ninsab: Jekk immur il-qorti oqghod zgur li nsib lil dak il-klient li tilef il-kawza jistennieni ghal xi tghajjira; il-klient li ghandu jiehu l-hamsin lira u li ma jridx jistenna ftit iehor sakemm inhallsu x'aktarx li nsibu jistennieni wara l-bieb taddar b'xi pulizzija mieghu lest biex jarrestani; anqas nghid nista nibqa hawnhekk ghalkemm ghandi hafna xoghol x'naghmel ghaliex nistenna lil xi hadd minnhom minn mument ghall-iehor. Fi ftit kliem, Pawl, qed inhossni qisni general iccirkondat mill-ghadu, u ghalija m'hemm ebda xaqq ta' dawl.(Pawsa) Hekk hu...oqghod.. hsibtha: Nizzewweg il-lum qabel ghada. In-nisa ma jsibux oggezzjonijiet mita tghidilhom li trid tfittex tizzewweg, anzi jaraw kif jaghmlu biex ikomplu jhegguk, specjalment il-kunjata. Jien ser nitlaq l-officcju f'idejk u ghal hmistax il-gurnata ma taranix iktar qisni ma neziztix. Min jigi ghidlu li qieghed fil-honey moon, u nispera li almenu ghal dawn il-hmistax il-gurnata anke min hu irrabjat jistenna ftit. Jekk dan ma jkunx bizzejjed ivvinta xi haga ohra basta li tehlisni minn dak li jkun. Ghidlu

li mort ic-Cina,.. li jien moribond... li sifirt ghax ghandi marda kontaggjuza... insomma ivvinta kemm tiflah basta li noqghod ftit bil-kwiet. Mita nigi mill-honey-moon imbaghad ikolli flus kemm irrid, ghaliex sehem il-kontessina li mbaghad tkun marti, ikun kollu f'idejja u nista nkompli x-xoghol tieghi iktar bis-serjeta'.

Pawlu Miftehmin ahna, nidhol ghaliha sinjur. Wara kolloxma nkun qed naghmel deni lil hadd; inkunu biss qeghdin navvanzaw ftit tal-gtanet sakemm jaqghu il-flus tal-kontessina taht idejk...... Imma jien, sinjur, kif ser nibda biex nithaddet jekk jigi xi klient gdid?

Avu Xejn, imxi kif ghidtlek thabbilx rasek, u jekk jigi xi klient gdid ghidlu li ma ndumx ma nkun hawn u naqdih malli nigi. Ghamel biss kif qed nghidlek. (Jiehu xi karti minn fuq l-iskrivanija) Ha dawn il-karti li kelli nipprezenta l-qorti dalghodu; mur u rranga kollox int. Sakemm tigi niktiblek ftit notamenti kif ghandek tmexxi kollox waqt li jien inkun fil-honey-moon; kif tigi int nitlaq jien u ma taranix iktar b'ghajnejk qabel hmistax ohra. Imbaghad f'idejk, salvani int! Anzi hu c-cavetta mieghek.

Pawlu (Jrrassenjat) La trid hekk... nipprova naqdik, imma tridx tghidli x'sejjer naghmel jien jekk int stess, avukat u tal-iskola, ma kontx kapaci tehles minn dawn il-qassatat!

Avu Thabbilx rasek Pawl, int ghandek l-esperjenza u jien cert li tehlisni minn kollox. Aghmel mill-ahjar imbaghad halli f'idejja x'rigal ingiblek mieghi!

Pawlu Tajjeb, naghmel mill-ahjar imma kemm tista' ddumx. (Ikun sejjer bil-karti) Ara jekk tista tigi qabel tinsiex li jien inkun fuq ix-xwiek.

Avu (Johodlu b'idejh) Sahha, Pawl, sakemm nergghu niltaqghu! Tibza xejn ghax jien naghmel mill-ahjar biex infittex nigi. Jekk jghaddili xi hsieb iehor minn rasi niktiblek malajr, imma l-indirizz tieghi ma naghtihulekx ghaliex ma nkun irrid naf xejn x'inhu jsir.

(Avukat jibda jikteb x'ghandu jzomm f'rasu Pawlu sakemm jigi hu) I. Qis li l-klient ikun jista jhallas. 2 Aghti

dejjem ir-ragun lill-klient anke jekk ghandu elf tort.

3. Jekk jista jkun dejjem hu flus quddiem.

## Xena II

### Avukat u halliel

Hall. (jidhol jigri u jkollu f'idu xi haga li malli jidhol jahbiha taht il-karti li jkun hemm fuq l-iskrivanija.) (Jitkellem bla nifs) Salvani! Salvani! ghamel karita' mieghi! (Jaghti harsa malajr ma dwaru u jitfa l-berritta taht l-iskrivanija) Tahseb xejn dalwaqt nispjegalek kollox, imma ara ma tghajjatx lin-nies, hekk jista jkun anqas x ticcaqlaq ghal issa,(Johrog minn go l-but il-pistola u jippuntaha lejn l-avukat li sa dan it-tant ghadu miblugh ma jafx x'ser jaghmel bil-qata) ( Wara ftit jibdel lehnu u jitkellem iktar bil-kwiet) Iva, int qalbek tajba ghaliex ser issalvani u jkollok ir-ringrazzjament ta' halliel talli salvajtlu hajtu. Kompli, kompli x-xoghol tieghek minghajr ma taghmel dak il-wicc, biss iccaqlaqx dawn il-karti.

Avu Imma jien....

Hall. Xejn. Thabbilx rasek; int avukat u ghalhekk mhux l-ewwel darba li ltqajt ma' halliel.(Jaqbad bicca karta minn fuq l-iskrivanija u jaghtiha lill-avukat biex jikteb.) Ikteb! (L-avukat jipprova johodha bic-cajt) M'hemmx zmien x'nitilfu, fittex ikteb.(Jiddettalu) Biex inhallas id-dejn kollu li ghandi....js ahna miftehmin... biex tati attakk lill-gojjellerija. Aghtih ghada... imbaghad ghaddi ghandi biex tinheba.Hekk bizzejjed. Issa aghmel id-data tal-bierah, Hekk sewwa. Issa miftehmin. (Jiehu l-karta, jitwiha u jpoggiha fil-but.)

Avu U issa x'fi hsiebek taghmel bija)?

Hall Xejn. Irrid biss li nibqa hawn ghal ftit biex naghmillek kumpanija. Il-biljett li gaghaltek tikteb huwa biss ghall-formalita'... basta li ghandi d-dritt nibqa ghal ftit mieghek.

Avu Le, din ma noqghodx ghaliha; ~~immmx~~ incempel lill-pulizzija.

Hall (Ipoggi idu fuq ir-receiver) M'hemmx ghalfejn tinkweta ruhek, il-pulizzija ma ddumx ma tigi hawn; jekk iccempel tikkomplikalhom l-affarijiet ghaliex isibu katavru zejjed. Qieghed tifhimni?

Spet (Mill-intrata) Nista nghaddi? Jien l-ispettur. (Il-halliel jaghti harsa ma' dwaru. Imur malajr fuf it-typewriter , jilbes il-kmiem u jibda jittajpja bi premura kbira, qisu qed jittajpja xi haga importanti.)

Avu (Iktar mejjet milli haj jersaq lejn il-bieb) Tghid gejjin ghalija jew ghalieh?

Spet. (Jidhol) Skuzani,(Lill-avukat) ~~avukat~~ inti l-avukat, hux hekk? (Avukat jaghmillu sinjal li hu) Ghadu kemm sar ser kbir fil-hanut tad-deheb ftit l-isfel minnek; milli nista nifhem il-halliel dahal jistahba xi mkien dawn l-inhawi. Hawnhekk ma dahal hadd hux hekk?

Avu (Itemtem) Le..hadd.

Spet Inti kullma ghandek hawn l-intrata u din il-kamra, veru?

Avu Iva, dawn biss.

Puliz (Jaghti harsa mad-dawra) Hawnhekk m'hawnx iktar bibien jaghtu ghal barra!

Avu Le, dak li qed tara.

Spet Tajjeb; kemm il-darba jidhol xi hadd cemplilna malajr; f'kull kantuniera hawn zewg pulizzija kull naha fil-kaz tista tghajjat lilhom ukoll, l-ohrajn qeghdin ifittxu l-appartamenti ta' kulhadd. Hadt qata malli rajtni hux tassew? Ghandek ragun, il-pulizzija wara l-bieb tahsad anke lill-galantomi. Jiena niskuza ruhi, imma taf inti, dawn huma kollha formalita'. Ippermettili... (Johrog)

Avu (Jiehu nifs qawwi) (Idur lejn il-halliel li issa waqaf mill-kitba) Ftakar li ma tkellimtx mhux biss biex niffranka xi qtil fl-istudju tieghi, imma wkoll ghaliex ma rridx li naghtik jien f'idejn il-pulizzija.. Issa x'ser naghmlu?

Hall Fil-minuta li dam hawn l-ispettur ghamilt ghoxrin kelma; jien nippretendi li ghaggilt daqs l-aqwa tipista, ghalhekk

kull ma nixtieq issa li timpjegani mieghek.

Avu Isma ma naghmlux li se noqoghdu nghaddu z-zmien ukoll hux! Isma minni issa u tista titlaq.. baxx baxx.

Hall Kieku kont mignun iva! Ma tarax li m'inix sejjer naghti ruhi helu helu f'idejn il-pulizzija li hawn ghassa fit-triq wara li rnexxieli nehles bil-kwiet. Mhux ghax nibza minnhom taf... imma dawn il-pulizzija kollha azzjonithom hazina. Rajtu kemm beda jiehdok bit-tajjeb l-ispettur, imma kieku nduna bija ogghod zgur li kien jisparani d-dinja l-ohra f'nofs minuta.

Avu Imma jien x'jimpurtani minn dan kollu?

Hall Mela nsejtu dak il-biljett li ghadek kemm iffermajtli? Inti ghidtli biex nigi nistahba hawn.

Avu Iva, imma ghax gheddditni bil-revolver!

Hall Insomma jekk jien nitlaq tinsiex li ghandi l-biljett fuqi. Jekk ninqabad u jekk kumbinazzjoni inti tassew ghandek bzonn il-flus, ogghod zgur li ssib ruhek ghall-festi t-tajba!

Avu (Iwarrab il-karti li tahthom il-halliel pogga u heba borza ) U dan x'inhu? (Jiftah u jidru munzell arloggi, crieket, labar u gojjelli ohra)

Hall Dawn huma l-gojjelli li sraqt mill-hanut;(Ipoggihom go l-but) Skuzani, imma jien ma tantx nafda lil min hu bhali.... irrid nghid irgiel bhali.

Avu Insomma tahsibx li ser tibqa hawn ghal zmien,

Hall Le, hekk le! Nibqa biss sakemm inkun naf li nista nohrog bla ma jarani hadd. Jekk imbaghad disgrazzjatament ninqabad nergghu naraw lil xulxin fil-qorti, jien bhala hati u int l-avukat difensur tieghi, jekk sa dak iz-zmien ma jkunux qabduk ukoll bhala komplici fis-serqa. Ghalkemm nispera li din id-darba ma ~~jkompl~~ jkollix bzonn ta' avukati. (Johrog il-gojjelli u jezaminhom wiehed wiehed) Kieku l-bicca xoghol malajr saret: daqqa ta' ponn fuq il-hgiega, zarmajt xkaffa malajr malajr, girja zghira ... u fuq kollox sirt segretarju ta' avukat. Record tassew tal-ghageb! (Pawsa) Imma kemm huma dizonesti dawn innies li jbieghu

id-deheb! Dan il-brillant niftakar li kien immarkat fil-vetrina tletin lira . B'dan kollu ma jiswiex iktar minn nofs lira ghaliex falz. Ejja aran, avukat. (Jurihulu)

Avu Jahasra minn dan kollu ma jinteressani xejn; ara mur fejn trid imqar ghand ix-xjaten, basta tmur malajr!

Hall Ahna ma bqajniex li ghal ftit granet ser inkun is-segretarju tieghek?

Avu Jien ga ghandi segretarju u m'ghandix bzonn ta' iehor.

Avu Imma mhux qieghed hawn...allura qisu m'ghandhekx.

Avu (Bdew biex jitlghulu) Imma jien ser insiefer ghal ftit granet u minn hawn u ftit minuti ohra jkolli nitlaq; tahseb li ser nitlaq l-officcju tieghi f'idejn halliel tal-kwalita' tieghek?! Nittelefona lill-pulizzija.(Ikun ser jaqbad ir-receiver) (Il-halliel izommlu idu)

Hall (Jippuntalu r-revolver) Milli qed nara m'intix ragjonevoli, m'intix qed iggib quddiem ghajnejk li ghalija jew mewt jew hajja. Wara kollox issa inti ga dhalt fis-sehem mita hbejtni hawn; tinsiex li ktibtli wkoll il-biljett. Jekk ghandek bzonn titlaq fittex itlaq u jien naghtik il-kelma tieghi ta' halliel li jien li hawn gew ma mmiss xejn. Malli nara li kollox ibbnazza nitlaq lejn dari, u forsi xi darba jkolli x-xotti li npattilek dan il-pjacir.

Avu Insomma jien ma nistax nitlaq mita naf li int ghadek hawn, u fuq kollox ma nistax nistenna iktar.

Hall (Jippuntalu r-revolver ma sidru u jgaghlu jimxi lura) lejn il-bieb) Tibzax nghinek jien biex tiddeciedi titlaq.

Avu (Iddisprat) Jien ghad indum ma nigi ghax sejjer biex nizzewweg...

Hall Nawguralek, lilek u lill-gharusa li ghad ma kellix l-unur li naghmel konoxxenza taghha.(Jiehu l-mazz tal-fjuri u joffrihulu) Ha dawn tiehom lill-gharusa, ghidilha li tajthomlha lha rigal jien. (Ipoggihomlu f'idejh) Ha hudhom qed noffrihomlok jien. Issa itlaq.

Avu Ehh, x'pacenzja qed niehu!!

Hall (Izommu ftit) Le, stenna ghax qed tigini idea ohra. Qabel titlaq irrid noffri wkoll dan ic-curkett il-falz lill-

gharusa tieghek.

Avu (Ma jkunx irid jiehdu) Le, le; ma rrid xejn!! Dan biex iddahhalni sehem fis-serqa!!!

Hall (Biex jghaddi z-zmien bih) U le, avukat, ma nesagerawx. Dana biss biex nuri r-rispett tieghi lejn l-gharusa tieghek. .... Ma tridux? Tajjeb allura ikollok tiehdu bil-forza. (Ipoggihulu fil-but) Jien naf li f'ras it-triq hemm il-pulizzija jistennew. F'nofs minuta tista tibghathom hawn u jaqbduni bhal gurdien fin-nassa; hekk bic-curkett li jkollok fil-but u b'din il-karta li ghandi iffermata minnek, jekk biss tipprova tiftah halqek issib ruhek ghall-festi t-tajba.

Avu Imma jahasra...nitolbok.....

Hall (Wiccu serju) Issa bizzejjed, haffef u mur. (Kwazi jimbuttah) Itlaq issa stess!.

Avu Almenu halli jasal Pawlu, s-sgretarju tieghi ..

Hall (Jinstema kwazi mill-intrata) Aqbez barra, u dak ic-curkett li tajtek ahbieh sewwa u zommu rikordju.

Xena III

Il-halliel wahdu imbaghad Pawlu.. u l-klient Casha.

Hall (Jerga jidhol in xena u jhares ma' dwaru) La qalli li ghandu diga segretarju, allura naghmilha ta' avukat! (Ipoggi fuq l-iskrivanija u jezamina l-karti u l-kotba) (Jaqra l-biljett li l-avukat hallu f'nofsu meta dahal il-halliel) Tati dejjem ragun lill-klient anke jekk ghandu tort... Eh! tajjeb hekk! Issa qed nifhem il-ghala kull mita kelli xi kawza dejjem sibt ruhi fic-cipp. Kieku l-magistrati darba jikkundannaw lill-hati u darba lill-avukat , kieku dan il-hmar forsi jibdel il-principju li ghandu f'rasu... Codice Civili... Codice Penali.... id-delitti u l-pini m'hemmx ghalfejn nooghod narahom ghax nafhom bl-amment(Ipoggi r-revolver fuq il-karti) Issa kompluta l-librerija. (Ipoggi bilqeghda sewwa u jiehu dik l-arja ta' mpottanza) Kulhadd ighid li l-avukati huma hallelin.... allura halliel jista bid-dritt kollu

jaghmilha ta' avukat.

Pawlu (Jidhol mghaggel mill-qorti, jara lill-halliel minflok l-avukat u jibqa ssummat ihares.) X'inqala? t-triq mimlija pulizzija u anqas riedu jhalluni nghaddi!

Halli Serqu xi haga zghira lil dan tad-deheb.....

Pawl Skuzani sinjur, int ukoll pulizzija pajzan?

Hall M'intix tara li jien gejt flok l-avukat!

Pawl Imma l-avukat ma qalli xejn lili.

Hall Milli qed nara int is-segretarju. Tajjeb, tajjeb , kompli x-xoghol tieghek; ma tridx li l-avukat joqghod jaghti sudisfazzjon lilek fuq l-avukat li halla minn floku,hux?!

Pawl (Bil-biza li ma jikxifx lill-avukat) Ghax , biex nghid hekk.... insomma, taf int...(Biex jibdel id-diskors) Allura x-xoghol tal-officcju tehilsu int?

Hall Naturalment... nahseb li ghalhekk gejt !

Pawl Eh, issa qed nifhem(Ma jiflahx izomm iktar u jixpakka) cioe', m'jien qed nifhem xejn, ghaliex jien u l-avukat bqajna li x-xoghol tal-officcju ghandi naghmlu jien.

Hall (Deciz) Insomma issa m'hemmx tpacpic zejjed! Hawn nikkmanda jien u jsir dak li qed nghid. Inti x'jismek?

Pawl (Dembu taht il-blat) Pawlu, Pawlu Gatt. Ilni sentejn segretarju mal-avukat; imma emminni qatt ma kelli x'naqsam mal-gustizzja.

Hall Veru fortunat! Insomma Pawl, ghal issa hawn nikkmanda jien; tini l-karti kollha u ghidli fuq fuq fejn wasal ix-xoghol.

Pawl Il-karti hawn la qed tghid li ser taghmel kollox int.(Ipoggihom fuq l-iskrivanija u jilmah ir-revolver)(Imbazza') Dak... dak x'inhu....!

Hakl Tibza xejn. Qed tibza ghax qed tara revolver? .... L-avukat tieghek ma kellux... imma ghalija hsibha importanti hafna. Ma rajtx x'gara ftit 'l hemm minnha? Il-belt mimlija hallelin, u erhilhom jigu mita l-inqas li tkun tistennihom. F'kemm ili nghidlek issib halliel quddiemek; wara kollox minghajr revolver kif trid tiddefendi ruhek?!

Pawl Minn daqshekk tassew; imma ghidli ftit, inti pulizzija pajzan?

Sa fejn naf jien l-avukat m'ghandu ebda avukat li jaghmel minn floku mita ma jkunx hawn... imbaghad dak ir-revolver... .... biex nghidlek ma tantx qed jikkonvincini....

Hall Ga ghidtlek, ghalik u ghal kulhadd jien dak li qed naghmel flok l-avukat Caruana, u jekk ikun hemm bzonn l-avukat Caruana stess!

Pawl (Ma jistax jifhemm sewwa) Tajjeb! La biex tghin il-gustizzja ..... bilhaqq fl-intrata hemm klient qed jistenna, is-sur Casha, dak ta' din il-kawza(Jurih il-karti tieghu)

Hall Ghidli malajr u fi ftit kliem il-kaz tieghu.

Pawl Talab hamsin lira talli talla' xi kamra fil-villa tas-sur German u l-Qorti tatu' tort. Issa naraw jekk iridx jidhol f'appell.

Hall (Jaqra l-inkartamenti) Antonjo German, bin il-mejjet Guzeppi, ......cis... imissni ma nafux lil dan! .... joqghod numru 55 Triq Nofs-in-Nhar,Hallija. Mur obsor.. u sena ilu kien joqghod(Ried ighid: kien joqghod il-habs mieghi) iva, kien joqghod mieghi fl-istess flat. Tajjeb, ghidlu jidhol.

Pawl Attent ghax dan il-klient irrabjat hafna kontra l-avukat billi tiliflu l-kawza.

Hall Thabbilx rasek, ghall-kawza nahseb jien.(Pawlu jdahhal Lil Casha)

Casha L-avukat Caruana m'hux hawn?

Hall Le, imma hawn jien u nfurmani bil-kaz tieghek kollu.

Casha Imma jien nixtieq inkellem l-avukat Caruana , fuq kawza li kelli kull dritt li nirbah u tellifilhi!

Hall T'inkweta xejn ghax jien nirrangalek kollox.

Casha Iva, imma ikun hemm bzonn tal-appell.... ~~talkispejjes~~ tal-ispejjes iktar... hux hekk?!

Hall U x'appell... u xi spejjes hallik minn dan.

Casha (Skantat) Kif m'hemmx bzonn ta' spejjes biex taghmel....

Hall Anqas sold wiehed biss!

Casha Jien bhalek ghidt, imma l-avukat Caruana qalli li hemm spejjes iktar, tahbit kbir u x'naf jien. Milli qed nara int izjed taf minnu mnejn ghandek tghaddi. L-ewwel avukat onest li ltqajt mieghu.

Hall Le,le xejn minn dan; hawn hafna avukati onesti, iktar ghax is-sur German huwa ftit u xejn.....

Casha Tghidli xejn ghax naf bizzejjed; ghandu bizzejjed domni mdendlin ma' ghonqu ghaliex mill-habs diehel u hiereg.

Hall Hu kollu kemm hu! Ara ejja hawn u hamest ijiem ohra u tara kif issib il-flus kawn. Kemm ghandu jaghtik sewwa?

Casha Biex nghidlek il-veru tlabtu ftit iktar milli kien jisthoqq-li; jekk jaghtini erbghin lira jkun bizzejjed.

Hall Halli f'idejja; erbat ijiem malajr jghaddu u ejja halli tiehu l-flus.

Casha Grazzi avukat; jekk jirnexxilek ma nhallikx tgerger. (Casha johrog)

Pawlu Nixtieq naf kif ser taghmel biex iggib dawn l-imberkin ta' flus mita s-sur German rebah il-kawza.

Hall Semplici hafna; bizzejjed daqsxejn ta' ittra; ftit tal-perswazjoni... u imbaghad ghandi ragunijiet ohra. Issa Pawl ghandna bzonn nirrangaw ftit dan l-ufficcju. Ara dan it-telephone qieghed ghal xejn; ghada gibli qampiena tal-eletriku.

Pawl X'ghandu x'jaqsam it-telephone mal-qampiena ; ma cemplulniex ghax l-avukat Caruana ftit ghandu klienti.

Hall Insomma allura ncemplu ahna , imbaghad il-klienti jigu huma.

Pawl Kieku tajjeb! Il-hazin hu li l-uniku klient li ghandu jigi huwa dak li ghandu jiehu l-hamsin lira li rebah minn ghand l-avversarju tieghu.

Hall (Jahbat ser jaqta' qalbu) ...Insomma..... Milli qed nara sejjer tajjeb l-avukat Caruana. Jekk il-klienti jigu biex jiehdu l-flus minflok li jhallsu, m'hu ser ifaddal sold qatt. Insomma ghal issa ejja nahsbu ftit fuq il-kaz ta' German. Ikteb Pawl: (Pawlu jpoggi fuq it-typewriter u l-halliel jiddetta) Ghaziz sur German, ghaddi daqsxejn sa ghandi ghada filghodu...l-officcju tieghi. Tieghek... (Jikkoreggi ruhu) Le, le taghmel xejn tieghek ghax ghad baqaghli x'nikteb jien imma dan bejnietna. Gib l-ittra. (Pawlu jaghtih l-ittra)

Pawlu (Jaghtih l-ittra) Skuzani, imma int....jien ma nafx jekk intix qed taghmel flok l-avukat jew intix xi agent tal-pulizzija; b'dan kollu jekk ikollok ix-xorti li ggieghel lis-sur German ihallas nghid tassew li int bniedem kbir.

Hakl Pawl ghid pjuttost : Avukat kbir!!

Purtiera

Jispicca l-ewwel Att

# I T - T I E N I   A T T

---

---

L-istess xena ~~xalxtie~~ tal-ewwel att .

German, il-halliel u Pawlu.

German (Jidhol bil-mod il-mod mill-intrata) Inti hawn, Gann?!

Hall (Jaghlaq il-bieb sewwa tal-intrata) Jien kollhi kemm jien. Minn habsi ghal...kwazi nista nghid .. avukat.

Germ Int qed thoss rasek! Min jaf x'bicca xoghol ghamilt biex wasalt sa hawn, eh!

Hall Xejn affattu. L-avukat Caruana qieghed fil-kumitat li jghin lill-dawk li jkunu wahlu l-habs biex isibulhom impieg; ghalhekk ghazel lili biex iharrigni bhala skrivan.

Germ Jien ma nafx ghalfejn ghidtli nigi hawn; jekk inhi ghal xi bicca xoghol minn dawk li konna ftehmna mita konna l-kullegg, aqta jiesek ghal kollox ghax issa sirt galantom u ma rridx naf iktar b'imbrolji.

Hall Galantom li ghadu ma hallash id-dejn li ghandu mal-Gustizzja.

Germ Xi trid tghid biha? Trid forsi xi somma ta' flus biex ma titkellix? Ma naghmlux li sirt xi spija tal-pulizzija, hux?! Ara Gann, ejja nitkellmu car u tond: Fil-habs ghaddejna hafna snin flimkien. Taf x'hajja ta' klieb konna nghaddu, ghalhekk jekk ghandek xi hsieb li tikxifni u terga tibghatni hemm naf bizzejjed kif insoddlok halqek. Tinsiex li mita jinqala xi haga lil wiehed minn tal-kwalita' taghna l-pulizzija bilkemm tipprova tfittex min hu l-hati, anzi tiehu gost ghax ikollha habsi nieqes.

Hall Attent kif titkellem, tinsiex li fl-intrata jista jkun hemm min jissamma!

Germ Jien ma nibza minn hadd.

Hall Naf,.. ghalhekk ahjar nitkellmu car mill-ewwel: Inti ghidt li sirt galantom u nifrahlek. Is-serqa li saret fil-palazz ta' Sda Forni ghad ma thallsitx; malli skuntajt il-

kundanna ta' qabel, bil-flus ta' dik is-serqa ta' Sda. Forni qed tippoza ta' galantom. Dan minn banda ma jimpurtani xejn. Imma meta sirt galantom ghidt lill-imghallem Casha biex jibnilek dar sabiha ; mita rajt li kollox kien lest ippruvajt tohodlu l-ahhar hamsin lira; isservejt bil-gustizzja u b'xorti tajba ir-hsieb tieghek irnexxa u ngannajtu. Dawk il-hamsin lira jinteressawni!

Germ B'daqshekk! Jien ghandi sentenza mill-qorti li m'ghandi naghti ebda sold lil hadd. It-tort huwa kollu tal-avukat tieghek li tilef il-kawza.

Hall Ghalhekk ktibtlek dik l-ittra u ghidtlek tigi halli nkellmek. Ma' hajtek l-imghoddija tkomplix izzid ingustizzja ohra. L-Imghallem Casha ghandu bzonn dawn il-flus u int jehtieg li thallashom. Ahna t-tnejn ghixna f'ambjent hazin u li minnu hrigna zewg habsin mill-ghar; ma nghidx li ma giex li xtaqna nibdlu hajjitna, imma ma konniex kapaci nikkumbattu bizzejjed, u ghalhekk bqajna f'dik il-hajja moqzieza. Issa mod iehor! Fortunatament certi cirkostanzi qed ighinuna biex naharbu minn dik il-hajja, u ghalhekk nippruvaw kemm nistghu biex almenu npattu ftit ghal dak id-deni li ghamilna fl-imghoddi, u nippruvaw nimxu ta' onesti ghalli gej. Naf li ghad baqalna xi delitti li l-Gustizzja ghadha ma taf bihom, imma dan ma jimpurtax sa barra jekk ahna nippruvaw inpattu mill-ahjar li nistghu. Il-flus ta' Casha huma misruqin darbtejn: l-ewwel mita sraqthom minn dak il-palazz u issa rgajt sraqthom lil Casha. B'hekk trid issir galantom!? Nahseb li tiskanta ghaliex qed niddefendi daqshekk din il-kawza ta' Casha, imma jien ghandi obligazzjoni kbira lejn l-avukat Caruana, u ghal daqshekk irrid nghin lill-klient tieghu biex mita jigi l-avukat inkun nista nghidlu li anke jien ghamilt xi haga ta' rikonoxxenza ghalih u ghall-officcju tieghu.

Germ Milli qed nara ikkonvertejt! Int tafni bizzejjed li l-priedki ma jaghmluli ebda effet. Nirringrazzjak ta' dak kollu li ghidtli; milli qed nara ghamilt hazin li gejt ghax inqbadt fin-nassa. Insomma jien lest biex nirranga; gibt ukoll il-flus mieghi kif ktibtli; issa niftehmu fis -

somma.

Hall Hamsin lira!

Germ Le. Ix-xoghol ma kienx maghmul kif kellu jkun; ghidli somma onesta u nirrangaw; pero' l-kont ma jispiccax hawn. 'L quddiem ghad inkunu rridu niddiskutuha bejnietna u forsi mita l-ingas li tkun tistennieni.

Pawl (Mill-intrata) Nista nghaddi?

Hall Ghaddi Pawlu.

Pawl (Jidhol) Hawn is-sur Casha.

Hall Ghidlu jghaddi. (Pawlu jmur idahhal lil Casha) (Hall ighid lil German minn taht ilsien) Erbghin lira u jekk tiftah halqek nirrapurtak lill-pulizzija.

Casha Bongornu avukat.

Hall Bongornu, sur Casha, konna qed nistennewk. Hawn l-avversarju tieghek li sama' mill-pariri li tajtu u lest biex jaghtik erbghin lira-...

Casha Grazzi, avukat; jien naccetta s-somma biex nirrangaw kollox bil-kwiet u biex noqghod ghall-parir tieghek. Jien xejn ma niehu gost noqghod nidhol il-qorti....

Germ F'di l-haga naqblu perfettament. Ghalhekk ghal di r-raguni (Ihares lejn il-halliel) u ghal raguniet ohra privati lest biex inhallas; ha ghodd il-flus.

Hall (Waqt li Casha jkun qed ighodd il-flus) Issa biex ikun kollox regolari niktbu zewg xersi.(Jghajjat) Pawlu!

Pawl Ghidli!

Hall Ikteb: (Pawlu jpoggi fuq it-typewriter u l-halliel jiddetta) Billi bis-sentenza moghtija mill-qorti fil-kawza,Casha v German,..... l-imhallef ghamel... ingustizzja kbira..... it-tnejn interessati... igifieri... Casha u German.... waslu fi ftehim..bonarjament... li jirrangaw din l-ingustizzja.

Germ L-imhallfin zbaljaw hafna drabi kontra tieghi, ghalhekk ma nohodhiex kontra taghhom billi darba zbaljaw favur.

Casha Mela mhux bhali.

Hall Tajjeb halli nkomplu hehh: ... u waqt li jiddispjacihom fuq din l-ingustizzja... jiddikjaraw li m'ghandhom xejn kontra l-qorti... u kontra l-avukati li ddfendewhom... (Casha u German iharsu bl-iktah lejn xulxin) u bil-firma tat-tnejn jaghlqu din it-transazzjoni, qisu qatt ma kien xejn. (Jaghtihom biex jiffermaw) Issa hudu b'idejn xulxin u nawguralkom li l-gustizzja (Jhares lejn German) ma ddahhalx iktar imnieherha f'din l-affari.

Germ Ghandi l-kelma tieghek... u nawguralek l-istess haga. (B'lehen ta' theddida) Imbaghad il-kont ta' bejnietna narawh darb'ohra, sur avukat falz! (~~Hemrog~~)

Casha Avukat, jien nirringrazzjak b'qalbi kollha. Ma noffrilex flus ghax lill-avukat l-iehor tajtu bizzejjed, imma jekk tohrog ftit mieghi niehdu grogg flimkien.

Hall Nirringrazzjak hafna ; mur u ixrob grogg ghalija wkoll. Jien ghad baqaghli hafna xoghol x'naghmel.

Casha Mela se nhallik. Grazzi hafna u arrivedervi.

German Ahna miftehmin ukoll!(Johorgu t-tnejn)

## Xena II

Halliel....Pawlu u gojjellier

Pawlu Irnexxielek tassew! Tiftakar mita rajtek l-ewwel darba u hsibtek agent tal-pulizzija? Issa tassew convint li int avukat, u avukat mill-aqwa kemm fil-kapacita' kif ukoll fl-onesta'.

Hall Qed tiggjudikani malajr wisq, Pawl. Ghaq baqa' hafna xoghol x'naghmlu u xoghol ta' mportanza ferm ikbar. Gibtli l-gurnal mieghek?

Pawlu Iva gibtlek il-gurnal u l-ikel ghall-lum. Hemm tajjeb li ghada jasal l-avukat ghax kif int sejjer ser tirrovina sahhtek. Qieghed tahdem iz-zejjed; filghaxija tibqa' hawn mita nitlaq jien u l-ghada filghodu nsibek ga qieghed tahdem mita nidhol ghax-xoghol.

Hall Jien naf li kattif wisq ghax-xoghol, imma x'irrid naghmel, din qeghda fin-natura tieghi.(Jiftah il-gurnal) Halli nara x'qalu fuq is-serqa tal-hanut tal-gojjelli. (Jaqra)

Il-misteru tal-gojjelli! Il-halliel ghadu ma nstabx. Il-gojjelli stmati mitt-lira. Naghti ghoxrin lira rigal lil min jikxef lill-halliel. Hares daqsxejn: Il-gojjier jaghti ghoxrin lira lil min jerga jirritornalu l-gojjelli b'xi mod jew iehor. Ara ftit.... (Jirrifletti)

Pawlu Naghmel imhatra li jekk trid taqbad min hu!

Hall Tghid le! Tridx nippruvaw, Pawl? .... Mur malaj r ghid lill-gojjier biex jigi sa ghandi. Ghidlu li:l-avukat qed jistenniek.

Pawl (Mistaghgeb) Imma... allura taf xi haga tassew inti?.... Eh, issa qed nifhem ghalfejn kont qed tahdem daqshekk..... ghaliex qadd ma tohrog mill-officcju.

Hall (Anzjuz) X'fhimt? ghidli x'fhimt!

Pawl Inti ridt tasal biex tikxef din is-serqa.. dan il-misteru, u kont tibqa hawn ghall-kwiet biex tistudja l-kaz sewwa. Inti bniedem tal-ghageb u skuzani sinjur jekk kultant ma nifhemx fil-hsieb tieghek.(Johrog)

Hall (Jiehu nifs ta' serhan) Almenu! Issa naraw kif ser nimxu; hawn qieghed qiesni f'nassa. Ghada jigi l-avukat u jien ikolli nohrog minn hawn biex nispicca min jaf fejn... Dnub jahasra wara li drajt naghmilha ta' avukat daqshekk!! Jiddispjacini li jkolli nhalli dan il-post, avvolja ili ghaxart ijiem norqod fuq dawn is-siggijiet.

Pawl (Jidhol) Hawn hu,sinjur!

Gjoll (Jidhol jghaggel u anzjuz) Avukat... inti taf xi haga!?

Hall (Bil-kalma kollha) Poggi, poggi bilqeghda. (Imbaghad jaghfas qampiena eletrika li tkun imwahhla mal-iskrivanija b'mod li jarawh in-nies u ma jarahx il-gojjellier. Cempila)(Il-halliel attaparsi dik il-qampiena kienet telefonata, jaqbad ir-receiver u jpoggih ma' widnejh) Eh, l-onorevoli.... (Jissemma) ....iva,..iva.. kellimni fuqha l-ministru... iva nigi nsibek l-officcju.... arrivederci onorevoli.(Inizzel ir-receiver.)

Gojje Allura inti taf ....

Hall Hawn jien mieghek; imma fuq kollox zomm ~~ikx~~ ruhek kalm u ipprova ifhimni sewwa.(Pawsa)

Goje Imma inti tista tghidli..

Hall Jien nista ntik ahbar tajba. Xi tghid kieku kellek terga tiehu taht idejk il-gojjelli?

Gojel Impossibli; qed ticcajta.

Hall Il-halliel kien qieghed hawn u kien qieghed bilqeghda fuq l-istess siggu li qieghed fuqu int issa.

Gojel Il-halliel kien qieghed hawn u tibghad tghidli issa!... Allura hallejtu jitlaq?!

Hall U hallejtu jitlaq. Ismaghni: (Pawsa) waqt li jibdel it-ton) Ghandek tkun taf illi l-halliel, qisu migbud minn id misterjuza, jerga wara ftit granet jirritorna fil-post tad-delitt. Il-bierah il-halliel tal-gojjelli ghadda minn hdejn il-vetrina li kien kisser ghaxart ijiem ilu, u mita ra l-bieb tal-officcju tieghi, dahal biex jinxtehet f'riglejn l-avukat, jitlobni bil-hniena biex nirrangalu d-deni li kien ghamel. U dak ir-ragel huwa jien! (bil-biza li ma jikkompromettix ruhu) cioe'... jien huwa dak li ipprometteje li nirranga din il-bicca xoghol bejnek u bejn il-halliel.

Gøjel U l-gojjelli?!

Hall ( ikompli) Stenna ftit... dan ir-ragel, ghajnejh fil-hofra u wixxu mixrub imhabba n-nuqqas ta' rqad, irrakkuntali kollox, l-istorja kollha kemm hi... u jien hfirtlu; imma jintieg li anke int tkun taf b'kollox ghaliex propjament int ghandek tahfer.

Gojel Imma jien kulma rrid huma l-gojjelli.....

Hall (Jsmaghni ftit iehor) Dan il-bniedem darba gie ittantant u disgrazzjatament ceda ghat-tentazzjoni tas-serq; ftit wara nqabad u mar ihallas il-piena go qiegh ta' habs. Mita hareg minn hemm hadd ma ried ihaddmu... min se jhaddem halliel... min ser jafdah.... ....Biex jiekol u jitma lill-imsejkna ommu marida fis-sodot, kellu jinghaqad ma' klikka ta' hallelin ghar minnu... u spicca biex tilef kull dekor, minn habs hiereg u ~~xixx~~ go iehor diehel....

Gojel U l-gojjelli....?

Hall Mument wiehed. U omm dan l-imsejken halliel kellha bzonn tal-medicini.... tal-ghajnuna... hekk hu li wasal quddiem

il-vetrina... dak it-tlellix ghamih.... daqqa ta' ponn fuq il-hgiega... hatfa gojjelli u harba zghira . .. Le tibza xejn, ilgojjelli tieghek ghadhom hemm.. jonqos biss curkett wiehed, illi dak il-bniedem bieghu biex isalva 'l ommu.
U issa kieku kelli nghidlek li dak il-halliel qieghed quddiemek kont tahfirlu d-delitt tieghu?

Gojel (Kommoss) ...... iva.. issa stess!!

Hall Hekk hu; mita qed tahfer lilu, qed tahfer lili stess. (Jahbat ser jitfixkel) igiefiri jien perswaz mill-qalb nobbli tieghek, hfirtlu ghaliex kont naf li inti tahfirlu wkoll.
Dawn huma l-gojjelli kollha . (Ipoggi l-gojjelli fuq il-mejda)

Gojel (Jezaminhom bir-reqqa) Iva,dawn huma, Wiehed b'wiehed.
Emminni li qatt ma kont nobsor li sejjer nerga nsibhom......
Avukat, nahfer b'qalbi kollha lill-halliel, iktar u iktar li c-curkett li hawn nieqes huwa dak tad-djamant falz. Nista npoggihom go l-but?

Hall Sa l-inqas oggett.....

Gojel (Jitfa l-gojjelli go l-but) U omm il-halliel?

Hall Omm il-halliel ghaddejja ghall-ahjar u nisperaw..

Gojel Nisperaw..... Propjament jien ma tantx kelli qalbi marbuta ~~magh~~ maghhom dawn il-gojjelli u lili ftit kienu jaghmluli differenza, anke bhala valur.Biex nghidlek bil-kemm ma xtaqtx li l-halliel jibqa ma jinqabadtx, biex il-gurnali jkomplu ighidu fuqu. Din il-bicca qed isservini reklam tajjeb mhux ftit.

Hall Hames minuti ilu ma tkellimtx hekk, anzi gejt b'hegga kbira biex tiehu taht idejk il-gojjelli.

Gojel Iva, biex nghidlek kelli kurzita' kbira; min kien floki nahseb li kulhadd kien jaghmel bhali.... Allura, avukat, x'jien obligat ghall-inkomodu li tajtek?

Hall Xejn, imma skuzi ftit: jien qrajt fil-gurnali li offrejt ghoxrin lira lil min igiblek il-gojjelli lura; mhux tassew?

Gojel Dan kollu..... ma tafx int... ighiduh il-gurnali

Hall (Johrog il-gurnal) Hawnhekk kellek intervista u offrejt ghoxrin lira, veru jew le!

Gojel Propjament i....iva... imma biex wiehed jaghmel daqsxejn

reklam.ghall-istabbiliment.

Hall Eh, issa qed nifhem. U ghall-istess mod ghidt ukoll lill-pulizzija li l-gojjelli jiswew mitt lira, nentri waqt li qed nezaminhom rajt li ma jiswewx iktar minn ghoxrin.

Gojel Tassew, avukat, lilek nafda kollox ... ghidt hekk biex nigbet l-attenzjoni tal-publiku, biex isirli ftit tar-reklam permezz tal-intervisti mal-gornali. Tant hu hekk illi l-bejh fil-hanut kiber bi shih.

Hall Fi ftit kliem allura ma tlift xejn... anzi irrid nghid li avvanzajt xi kemxa sewwa.

Gojel Hekk hu. Imma taf int .. jehtieg li wiehed ikun jaf jipprofitta ruhu mill-okkazjoni; wara kollox serqa bhal din m'hix komuni daz-zmien; imma ghoxrin lira huma ftit u xejn wisq biex wiehed jirrâgalhom hekk.

Hall Milli qed nifhem qed issibha bi kbira, issa li ghandek il-gojjelli f'idejk, biex thallas dak li ippromettejt....
u naturalment lil dan l-imsejken halliel tghinu biex jiehu ftit kura t'ommu marida.

Gojel Le, minix nghid hekk. Imma, taf int, f'din id-dinja kulhadd jipprova jiftiehem... ghidt kieku wiehed jaghtih hames liri...

Hall (Serju) Tippruvax tghaddi z-zmien, ghoxrin ~~lira~~ lira offrejt u ghoxrin ikollok thallas. Tridx tghidli x'figura naghmel jien quddiem il-halliel mita nigi noffrilu hames liri flok ghoxrin. Ma jkollux ragun ighid li jien maxtartlu hmistax il-lira, u jkollu ragun!

Gojel Jekk inti tahseb li ghandi nhallas is-somma kollha... u din is-somma tmur f'idejn il-halliel biex ighin l' ommu... allura.....

Hall Mhux biss niggarantilek dan kollu, imma nordnalek ukoll li thallas; ghoddli f'idejja dawk l-ghoxrin lira u nassigurak li tkun qed tatihom dritt ghal f'idejn il-halliel.

Gojel (Jghoddomlu) Kif tghidli, avukat. Hawn l-ghoxrin lira!

Hall (Ipoggi l-flus fil-but) Naf li rajtha daqsxejn kbira, imma b'hekk anke int ghamilt id-dmir tieghek. Oqghod zgur illi dawn il-flus jibqghu sejjin dritt fil-but tal-halliel.

Gojel Mela, avukat, nirringrazzjak minn qalbi; u biex nurik

ir-rikonoxxenza tieghi lejk ghada stess tara x'jien kapaci nikteb fil-gurnali, b'hekk ikollok anke inti ftit tar-reklam. Ghada tara x'naf naghmel. Sahha, avukat, u nerga nirringrazzjak.

Hall Jekk tkun kapaci taghmilha bhalma ghamiltha jien lilek allura jkolli ghalfejn nirringrazzjak jien.(Jghajjat lil Pawlu) Pawlu, wassal is-sinjur sal-bieb.

Gcjell (Waqt li hiereg) Avukat, dak li ghamilt mieghi nibqa hafulek tul ghomri. (Johrog)

Hall (Wahdu) Haga tal-ghageb... imma f'din id-dinja kulhadd jipprova jghaddi z-zmien b'hadd iehor. Bilkemm ma thajjarx jitlaq minghajr ma jhallas il-flus li wieghed..... U biex nasal fil-hsieb tieghi kelli naghmel il-parti tal-halliel niedem u l-parti tal-avukat sod filfehma tieghu. (Jirriflettti) Certi ~~xxxxxxxxx~~ mumenti sthajjiltni qed nghid il-verita'.... Insomma, l-aqwa li mxiet tajjeb.

## Xena III

Il-halliel, Pawlu u Casar

Pawl Inti tassew avukat famuz! Jekk smajt sewwa ghidt illi ilbierah il-halliel kien hawn. Kif ghamel biex dahal ghax jien ma rajtux? Naf li tassew dak li ghidt ghaliex irrepetejt kelma b'kelma l-kliem li qallek il-halliel, imma jien ma nistax nifhem kif ma rajtux mita l-bierah kont hawn il-gurnata kollha.

Hall Iva kont hawn il-gurnata kollha, imma fis-sitta mita sarlek il-hin qbadt u tlaqt il-barra. Ftit wara li tlaqt int gie l-halliel.

Pawl Iva, issa qed nifhem. Kemm jien imbecilli anqas gietni f'rasi. Issa qed nara ghaliex filghaxija qadd ma kien ikollok abtit titlaq mill-officcju. Min jaf, avukat, xi jghidu ghada fuqek il-gurnali!! U fuq kollox min jaf kemm ser jigu klienti godda.

Hall Il-gurnali ma jistghu jghidu xejn fuqi; fil-kaz dak li ghandhom ighidu jghajduh fuq l-avukat Caruana, ghaliex jien kont qed nahdem f'ismu.

Pawl L-avukat Caruana ma kienx iwassal biex jaghmel bicca

xoghol bhal din. Inti l-avukat ideali ghaliex ma tibzax minn ebda tribunal..... Kos qed nghid,ilna naħdmu flimkien dawn il-granet kollha u ghadek anqas ghidtli x'jismek.

Hall Jien m'inix hlief dak li qed naghmel minnflok l-avukat Caruana,allura ħija ragunata li jiehu l-unur kollu hu.

Pawl Din hija modestja kbira.

Hall Eh, pawl, kemm ghad baqalek x'tifhem! .. Ara ejja 'l hawn. (Jurih il-qampiena tal-eletriku li kien wahhal ma l-iskrivanija) Taf x'inhi din?

Pawl Il-qampiena tal-eletriku li ghidtli biex nixtrilek.

Hall Precizament. U taf li ddoq imma ma tafx ghalfejn. Mita jidhol xi klient iddoqqa ftit biex taparsi qed icempel it-telephone; allura taghmel ruhek ta' mportanti bhalli kieku qed icempillek xi ministru... xi luogotenent gvernatur...insomma xi ras-kbira! Dak imu ighid: Ara xi kwalita' ta' avukat dan, kemm ghandu klienti gholjin! Bilfors li hu xi wiehed mit-tajbin nett! U b'hekk tiehu l-fama u tara l-klienti gejjin ta' sikwit.

Pawl Qed nifhem. Min jaf x'ufficcju ghandek eh, sur avukat.... kemm klienti erhilhom gejjin ta' kulljum!

Hall U kieku taf! Anke l-imhallfin qeghdin ifittxuni din il-habta! (Bil-mod lejn il-publiku) imma b'xorti tajba ghadhom ma sabunix.

Xena IV

Halliel , Pawlu u Cassar

Cass. (Jinstema lehnu minn barra) Din id-darba ma jiskappax. Bis-sewwa jew bid-dnewwa nohodhom flusi! (Jidhol)irrabjat u jilmah il-halliel) Din id-darba wkoll rega stahba l-avukat! Ghidli fejn hu! Jekk ma tatunix flusi naghmilkom pulpetti llum!!

Hall (Kalm) Jien huwa l-avukat. Tista tghidli min int, jekk joghgbok, u xi trid? Cassar ikun ser jitkellem, imma l-halliel idoqq il-qampiena , ipoggi ir-receiver ma' widintu u jsikktu) Ah, il-ministru?... Kif inhi s-sin-

jura? .... Ga ~~xx~~ rrangajtlek kollox...iva..iva.. Skuzi? Nigi ghandek ghall-pranzu?... Gentili hafna; arrivederci.

Cass (Wara li sama' din id-diskursata ha idea ohra, u jitkellem iktar bis-suggizzjoni) Iva, l-avukat Caruana ghandu f'idejh ghoxrin lira tieghi..- u milli qed nara harab bihom!!

Pawlu (Waqt li jkun sejjer fl-intrata) Jekk jehles din ukoll tassew li ma jkunx hawn avukat ahjar minnu.

Hall Le, sinjur, nassigurak li l-avukat ma harab xejn . Billi l-avukat ma jiflahx halla lili hawn minn floku.

Cass (Ma jemminx) Marid...marid! Min jaf x'inhu!

Hall Tahseb li billi avukat ma jistax jimra? Jimirdu t-tobba u jmutu! Ghandu amalisi u batut hafna. Ghidli daqsxejn min int?

Cass Jien Cassar dak tal-...

Hall Hekk hu: Inti s-sur Cassar dak li ghandek tiehu l-ghoxrin lira-.... Il-flus tieghek ilhom jigru zmien fil-but tieghi; ghaliex ma gejtx ghalihom?(Johrog il-flus mill-but lijkun ghadu kemm dahhal minn ghand German). Hawn ara fejnhom! Ghoddhom u aghmilli ricevuta.

Cass (Jghodd) wiehed, tnejn, tlieta, .... ghoxrin(Jiehu n-nifs) Kollox sewwa.(Jiffirma)

Hall U darb'ohra idhol ta' nies fl-officcju... u tirfisx gewwa qabel ma jdahhlek l-iskrivan.

Cass Skuzani, imma jien daqsxejn nervus. Mhux ghax bzajt li m'inix ser nohodhom, imma nghidlek is-sewwa ma stennejtx li ser taghtihomli hekk malajr, u anqas emmint..

Hall X'emmintx....

Cass Ma emmintx li l-avukat kien marid tassew...

Hall (Iwasslu sal-bieb) Ghal din id-darba niskuzak. Milli nista nifhem ma tafx x'marda hi l-amalisi. (Issa Cassar ikun lahaq hareg. Halliel idur lejn il-publiku) Anqas jien ma naf mnejn gibtha!!

Pawl (Jidhol) Inti tassew bniedem mimli...

Hall (Jitterrompih) bil-hmerijiet; Pawl assolutament ma rridx tifhir. Nahseb li fil-karriera tieghek, li ghaddejt mal-avukati, qatt ma rajt wiehed li johrog ghoxrin lira

helu helu minn go butu, biex jaghtihom lil bniedem li qatt ma rah b'ghajnejh. Imma ghad ma tafx x'iridu jfissru dawk l-ghoxrin lira! Malli jigi l-avukat Caruana irridu jsib kollox sewwa u qabel nitlaq ma rridx inhalli xoghol pendenti. Jien qieghed naghmel mill-ahjar biex nissistemalu l-officcju.

Pawl Xi trid taghmel izjed, iktar minn dawn il-merakli; dan juri bic-car l-gherf tieghek!

Hall Ghandek ragun, Pawlu; it-tort kollu tieghi:

ZBALJAJT il-KARRIERA

Purtiera

----------------------

-----------------

...................

Jispicca t-tieni Att

--------------------

# IT-TIELET ATT

L-istess xena tal-ewwel Att

Fuq l-iskrivanija ittri., gazzetti

## Xena I

Pawlu u l-gurnalista

Pawl (Ikompli jpoggi l-ittri u l-gazzetti fuq l-iskrivanija) Il-lum fettillu johrog l-avukat il-gdid mita gejja din il-korrispondenza kollha. Kulhadd ifahhar lill-avukat Caruana u jifrahlu ghad-success li ghamel. Dan l-avukat il-gdid donni qed narah jiskarta issa li wasal biex jigi il-veru avukat tieghi.

Gurn (Jidhol) Nista nghaddi?.... Jiena gurnalista u nixtieq naghmel intervista lill-avukat Caruana.. l-avukat pulizzjott li kien kapaci jikxef il-misteru tas-serqa tal-gojjelli.... Il-gurnali kollha qeghdin jitkellmu fuqu.

Pawl Il-gurnali ma jafu xejn.

Gurn Kif! .... tipprova tmaqdar il-gurnalisti!

Pawl Jien m'inix hlief segretarju imma nista nghidlek li l-avukat Caruana m'hux hawn; ilu hmistax Parigi ghall-honey-moon u forsi jigi llum-.. ghadna ma nafux sewwa. Imma oqghod zgur li fuq din l-affari ma jaf xejn.

Gurn (Jiehu n-notamenti u jistaghgeb) Kif jista' jkun jekk sal-bierah stess l-avukat Caruana ta' f'idejn sidhom il-gojjelli kollha li kienu nsterqu mill-hanut.

Pawl U x'avukat Caruana ta' rasek!? La tridni nghidlek l-avukat Caruana mhix l-avukat Caruana!!! Issa fhimt?

Gurn Ftit inqas minn qabel! Ragunament tassew sabih! (Jikteb) Irgajna waqajna f'misteru aqwa minn tal-ewwel... L-avukat Caruana mhux l-avukat Caruana... allura min qed jaghmel floku?

Pawl ( Jurih lill-halliel li jkun dahal dak il-hin.) Ara staqs lilu ghax kwazi bdejt biex nitfixkel jien ukoll.

Gurn (Lill-halliel) Min qed jaghmel flok l-avukat Caruana?

Hall Jien. In-nies u l-artisti l-kbar kollha ghandhom wiehed

li jixbahhom perfettament.

Gurn Imma allura l-veru avukat?...

Hall (Wahdu) Dak habsi!

Gurn Famuz tassew. Imma ma nista nifhem xejn.

Hall Tibzax dalwaqt tifhem. Il-veru avukat, wara s-success li ghamel bil-kixfa tal-gojjelli, issa qed idur f'Parigi biex jaqbad xi delitti ohra; hawnhekk jien biss hawn, id-dell tieghu.

Gurn Iktar ma tmur iktar qed tithabbel il-kobba. Is-segretarju ghadu kemm qalli li l-avukat Caruana qieghed Parigi ghal honey-moon.

Pawl Jien minghalija mar biex jizzewweg, imma issa b'dan li qed jghid l-avukat ma naf xejn. Ma nistax nghid x'inhi l-verita'.

Hall Iva dik il-verita' tas-segretarju, l-verita' tieghi. Jehtieg ikun hemm hafna veritajiet biex tigi ghall-verita' vera. Tara, l-anqas is-segretarju ma kien jaf dak li ghidtlek jien. Pero' nixtieq li dan li ghidtlek jibqa bejnietna. Tirrakkontahiex lill-qarrejja tieghek, ghax b'hekk tista tfixklilna l-ahhar kixfiet.

Gurn Mela le, danzgur. Halli f'idejja. U din kif gietu f'rasu lill-avukat?

Hall L-avukat Caruana bhala avukat kellu xoghol ftit wisq, u ghalhekk gieh il-hsieb li jghaqqad karriera ohra ma tieghu, igifieri li jaghmilha ta' avukat detective, u irnexxielu jikxef hafna affarijiet s'issa, fosthom il-famuza serqa tal-gojjelli.

Gurn Tajjeb wisq; mela ngib fil-gurnal daqs zewg kolonni fejn nuri l-kapacita' tieghu.

Hall Imbaghad zid ukoll xi bicca ammerikanata maghha u jkollok artiklu famuz.

Gurn Thobb ticcajta wkoll milli qed nara. Sejjer halli jkolli z-zmien niktbu u nistampawh fl-ewwel harga. Ghada nerga nghaddi biex niehu xi ahbarijiet godda. Arrivederci u grazzi. (Johrog)

Hall (Wahdu) Ghada jiehu l-ahbar tal-gibda li sejjer jigbidli widnejja l-avukat.

Xena II

Pawlu, halliel u l-avukat

Pawlu — Isma', avukat, jekk int ser tibqa sejjer hekk ser nispicca biex niggennen . Ma nista' nifhem xejn minn dan kollu li qed isir u jinghad. Il-gurnali rajthom?! Hemm kull avviz daqs rasi:"L-avukat Caruana jikxef il-halliel tal-gojjelli!" ... "Il-qalb tajba tal-avukat Caruana!"... "Il-kapacita' tal-avukat pulizzjott"... u x'naf jien. Kolonni shah mimlija minn fuq s'isfel. Il-gurnali kollha huggiega wahda fuqu, u fuqna li ghamilna x-xoghol kollu ma qalu propju xejn, specjalment int, anqas biss qalu xejn fuqek! Dan reklam famuz ghall-avukat; l-intrata ga mimlija bil-klienti, gurnalisti gejjin minn kullimkien u l-korrispondenza li rcevejna llum anqas konna soltu nircivuha f'sena. Kif nghidlek jien l-avukat ser jghaqqad kemxa flus gmielha fi ftit jiem. U int li ghamilt ix-xoghol kollu anqas biss turi ruhek.

Hall — Taf ghaliex, Pawl, ghax jekk nuri ruhi oqghod zgur li jkun hemm effett kuntrarju.... u fuq kollox, daqsxejn tal-umilta'...

Pawl — Qed nifhem... tipprattika l-umilta' biex in-nies jammirawk.

Hall — (Trist) Oqghod zgur, Pawl, li int biss ser tapprezza l-bicca xoghol li ghamilt jien. Ix-xoghol tieghi jispicca malli jigi l-avukat.... imbaghad insib ruhi barra.

Pawl — Nahseb li ghandek officcju mqabbad sewwa, imma rrid nifhem li malli l-avukat jara x-xoghol li ghamilt ghalih, jitolbok bil-hniena biex tibqa mieghu.

Hall — Kemm sejjer zball, Pawl! Oqghod zgur li malli jigi l-avukat ikeccini dritt il-barra.

Pawl — Qed ticcajta, avukat!

Hall — Hekk hu! .... imbaghad nerga mmur fl-officcju tieghi.... (Pawsa) Ehh.... l-officcju tieghi... il-bankini ta' Sda Rjali... il-bard... il-guh... u l-pulizzija tigri wrajja biex titfaghni l-habs.....

Pawl — (Imbazza') X'Inti tghid, avukat!?

Hall — Xejn.... Din tieghi ma kenitx hlief holma... holma sabiha li waslet biex tispicca... ma jibqalix hlief id-dispjacir

ta' hajja felici .... hajja li setghet tkun tieghi, imma li ma gharaftx naghzel. Bizzejjed zball wiehed biss biex ihassar il-hajja ta' bniedem onest. (Pawsa) Kelli nsir avukat.... waqt li jien ma sirtx hlief delingwent! ...(Jibdel it-ton) Pawl, smajtni nirrakkonta l-istejjer lil dak il-gurnalist? Dawk huma kollha hrejjef, imma kollha setghu jigu applikati ghalija. Inti tafni bhala avukat. Xi tghid kieku kellhom ighidulek li inti ghixt hmistax il-gurnata ma' habsi?

Pawl Kont nghid li qed ighaddu z-zmien bija bhalma qed taghmel int issa. Isma, avukat, dawn l-istejjer ghidhom biss lill-gurnalisti li jkunu lesti biex inizzlu kollox halli jimlew il-faccati u mhux lili. Jien ippruvajt inservik mill-ahjar u issa qed tghaddi z-zmien bija.

Hall (Bil-hlewwa) Le, Pawl, m'inix nidhak bik, Int ragel onest u haddiem, naf li tixtieqli l-gid u ferhan bija hafna. Jien m'inix gust. Il-gustizzja rajtha hafna drabi , imma biex tikkundannani ghad-delitti tieghi.

Pawl (Bis-serjeta') imma, avukat, allura tassew li qeghdin niggennu hawn gew. Tibqax ticcajta hekk ghax qed inhoss rasi ddur bija.

Hall Ismaghni, Pawl, ghax dan li qed nghidlek hija l-verita'.

Pawl Ghandi d-dritt li ma nemmnekx. Allura ser nibda biex niddubita minn kulhadd, anke minn nnifsi. Ma nitkellmux iktar fuq hekk. Ghaliex tridni nnehhi l-gost li hadd ta' dawn il-ftit jiem nahdem mieghek?

Hall Insomma tajjeb, Pawl, ikkalma.. Jien mhux ser nghidlek iktar. Jekk trid tista' tohodha bhala cajta. Jien l-izjed bniedem onest tad-dinja. Hekk tajjeb?(Tinstema' karrozza tieqaf) (Lehnijiet fl-intrata jsellmu bil-ferh.)(Pawlu jkun hiereg u jiltaqa' ma' l-avukat Caruana diehel jghaggel bil-gurnal iperper f'idu)

Pawl Kellek vjagg tajjeb, avukat?

Avu (Jara l-hallie1 ghadu hemm) Int ghadek hawn! Mela inti kont, ja habsi, li ivvintajt din l-istorja kollha. Din tieghek hija imprudenza kbira, u jekk il-pulizzija ghadha ma sabitekx nikkunsinjak jien f'idejha.

Hall (Idur lejn Pawlu) Ghidtlek sewwa, Pawl!

Avu (Ikompli) Gejt hawn u bl-armi f'idek obligajtni li nzommok; issa qed tisserva b'ismi ghall-hsebijiet moqzieghza tieghek, biex tghatti s-serqa li ghmilt. Issa sa hawn wasalt! Pawlu, mur sejjah pulizzija!

Pawl Imma, avukat, irraguna ftit.

Avu Pawlu, ara x'ghidtlek!

Pawl Jien ma mmurx, anqas jekk naf li tkeccini 'l barra!

Avu Jaqaw anke int ser tfarfar rixek?! Dan it-twajjeb Pawlu? Minn mita sirt ma tobdix lill-principal tieghek?

Pawl Avukat, dan il-bniedem sirt nafu hawn; jien nassigurak li f'dawn il-ftit granet ma ghamilx hlief gid lil kulhadd, waqt li inti ma hallejtx hlief dejn mal-klienti, kawzi mitlufa, u biza' kbir li minn hin ghall-iehor tigi l-pulizzija tfittxek. Tinsiex li hrabt minn dan l-officcju mhabba d-dejn li kellek!

Avu (Ihares mistaghgeb lejn Pawlu) Pawl, anke int dort kontra tieghi kemm ili nieqes?!

Pawl Le, mhux kontra tieghek, imma ftakar ftit x'mizerja tal offiecju hallejt warajk u ara issa kif sibtu. L-intrata mimlija bil-klienti, akkwistajt fama ta' avukat kbir u hafna affarijiet ohra. Dan ma tistmah xejn?!

Hall (Li s'issa ma jkun qal xejn anzi jkun kwiet jisma' t-tmaqdir u t-tajjir tal-avukat) L-avukat ghandu ragun. Pawlu mur ghajjat pulizzija.(Lill-avukat) Pero, avukat, nixtieqek tkun taf li fil-hmistax il-gurnata li ghamilt hawn ma ghamiltlekx deni, anzi ippruvajt naghmillek il-gid kif kont weghdtek. Issa li wassaltek f'halq in-nies ghall-gherf tieghek, naturalment bil-kapacita' tieghi, issa se terga twaqqa kollox. Forsi tghid: Le, mhux jien ic-celebri avukat Caruana, mhux jien li kkonvertejt il-halliel u gielghtu jikkunsinja s-serqa li ghamel. Int, ghall-ebda htiega, ser ~~tikku~~ tikkunsinja lili f'idejn il-pulizzija, b'hekk sejjer ittellifni l-hajra li ghandi u l-fehma soda li nista nsewwi d-deni li ghamilt s'issa.

Pawl Bravu! M'hawnx ghalik!

Avu Fuq kollox ma nafx kif x'ser naghmel b'din il-glorja bla sustanza ta' xejn.

Pawl Hekka bla sustanza! Jagaw insejtu lill-klient Cassar?

Avu Iva, dak id-dejn irrid inhallsu.

Pawl Dak ga mhallas ghax hallsu hu.(Jurih lill-halliel)

Avu (Mistaghgeb lejn il-halliel) Int? U mnejn gibt dawn il-flus?

Pawl Haga zghira. Ha rrigal li offra l-gojjellier u tahom lil Cassar-!

Avu Allura jien ghandi ntihom lilek issa.(Lill-halliel)

Pawl Tiftakar xejn fil-kawza li tlift: Casha v German?

Avu Iva dik kienet kawza disgrazzjata, u sen-nappellawha.....

Pawl M'hemmx ghalfejn... il-klient ha flusu diga. Dan kien ukoll xoghol tieghu.(Juri lill-halliel)

Avu (Lill-halliel) U issa bhala hlas naturalment titlob li ma nikxfekx.

Hall Jien ma tlabtekx.

Avu Allura ghalfejn ghamilt dan kollu la ma kellek ebda hsieb.

Hall Xtaqt naghmilha ftit ta' avukat u ridt nara kieku tassew kelli nkun avukat kontx nirnexxi fil-karriera. Intelligenza biex naghmel id-deni kelli bizzejjed. Xtaqt ghalhekk nara jekk ghandix intelligenza biex naghmel il-gid ukoll. Hadt gost li rnexxejt. Ergajt tajt il-frott tas-serqa lil sidhom, hallast lill-klient tieghek, sewwejt ukoll is-sentenza ngusta forsi ahjar ukoll milli kont taghmel int. Issa jien kuntent li ghamilt ftit tal-gid. Ghalhekk tista taghmel bija dak li trid.

Avu Ghalik tahseb il-Gustizzja, ilek mistur bizzejjed.

Pawl (Lill-avukat) Ftakar li jien ukoll stajt irrispondejtek hekk mita tlabtni nehilsek minn dawk l-imbrolji li kellek, ..... biex nghinek tahrab. Kieku ghamilt bhalma qed taghmel int, bhal issa ma tinsabx hawn tati dawn il-kmandi bla qalb qalb. (Lejn il-halliel) Jien ma jimpurtani xejn min hu jew x'ghamel; ghalija mhux hlief galantom, u ghal dak kollu li ghamel nidhol risponsabbli jien, wara kollox l-officcju gie fdat f'idejja. Issa ghandek xi tghid izjed?

Avu  Imma ghalfejn ghidtu kollox lill-gurnalisti? Jekk issa tinkixef il-verita' ma naqax ridikolu jien ukoll maghkom it-tnejn, u aktar minnkom?

Pawl  Ahna ma ghidna xejn lil hadd. Kien il-gojjellier li bil-ferh ghaliex rega ra l-gojjelli kollha f'idejh, xtaq li jaghmel ukoll reklam ghall-officcju tieghek. Accetta dan ir-reklam hekk sabih u li ma swielek xejn u ipprofitta ruhek minn din l-okkazjoni la giet wahidha.

Xena III

L-istess u l-ispettur

Spet  (Jidhol) Int l-avukat Caruana?(L-avukat jaghmillu sinjal b'rasu) Gejt mibghut mill-kumissatju biex nifrahlek ghas-success brillanti li kellek fis-serqa tal-gojjelli.

Avu  M'hemmx imniex... grazzi.

Spet.  Avukat milli qed nara int umli z-zejjed. M'ghandek qatt tahbi dak li jimmerita lilek. Nghidlek is-sewwa l-pulizzija kienet miexja fid-dlam; ippruvajna kemm stajna biex insibu tarf ta' xi haga imma ma rnexxielnix, waqt li l-publiku kien anzjiz hafna. Nassigurak li din il-kixfa harget bhal sajjetta fil-bnazzi. Forsi qieghed tahseb illi l-pulizzija sejra tlumek ghaliex hallejt lill-halliel liberu u ma ddenunzjajtux. Propjament skond il-ligi hekk kellu jsir, imma kif ghamilt int mexxejt l-affari ahjar. Il-pulizzija trid tikkonverti l-halliel billi tikkastigah go habs, mentri int ikkonvertejtu minghajr ebda kastig.

Avu  (Ihares lejn il-halliel) Minn daqshekk iva, almenu hispera li jikkonverti.

Spett  Jekk tippermettili nerga nifrahlek f'isem il-kumissarju u f'ismi.

Avu  Gentili hafna. Il-mertu mhux kollu tieghi; (Jurih lill-halliel) l-iktar xoghol ta'... s-segretarju-..

Spet  (Lill halliel) Nifrahlek ukoll.(Johodlu b'idu) almenu nistghu ngh nghidu li l-avukati taghna mhux biss jiddefendu lid-delingwenti imma wkoll jikkonvertuhom. Sinjuri, bongornu u nifrahilkom.
(Johrog)

Avu (Lill-hallie1) Rajt? Ma kxiftekx!

Pawl Ghamilt dmirek u xejn iktar. Anke l-ispettur qal li ghamilt sewwa. Smajtu x'qallek: Ahjar tikkonverti delingwent milli tixlih!

Avu Konverzjoni! Ghadek ma tafx xi tfisser, mhux billi tghid bil-kliem. Min jaf kemm il-darba ahna l-galantomi naqghu fil-hama mhabba ftit tad-debbulizza u ghal haga zghira.... Haga facli hafna li taqa' fil-hazin..

Hall Jien irrid insir galantom. Naf, facli hafna li wiehed jaqa' imma bejnietna hemm differenza wahda: Intom il-galantomi facli li taqghu fil-hazin ghaliex ma tafux xi jfiser; ahna l-hziena, li ghixna hajjitna fil-hazin, mita nifthu ghajnejna u nwahhlu f'rasna li rridu ndura ghat-triq it-tajba, nafu kif nghamlu biex ma nerghux naqghu ghaliex il-hazin nafuh u nafu wkoll x'sofrejna kawza tieghu. Ghalina huwa l-akbar ghadu.

Avu Ghandek ragun; Wara kollox mita dahhalt l-ghoxrin lira u tajthom lill-klient tieghi Cassar hija prova bizzejjed ta' dak li qed tghid.

Hall Mita ftit ilu l-ispettur hadli b'idejja kienet l-ewwel darba li pulizzija missli idejja minghajr ma poggieli l-manetti. Dak il-hin hassejtni nsir ragel gdid, u minn dak il-hin tajt kelma soda go fija li nibdel hajti ghal kollox u ghal dejjem!

Avu Tajjeb! La milli jidher kulhadd irid hekk.. nippruvaw. Ibqa' mieghi hawn. Mill-lum il-quddiem inti tkun it-tieni segretarju tieghi. (Lill-Pawlu) M'intix tghir hux, Pawl?

Pawl (Ferhan) Le, anzi nixtieqek li tinnominah l-ewwel segretarju, ghaliex huwa elf darba izjed kapaci minni.(Imur fl-intrata)

Avu (Imur lejn l-iskrivanija u juri it-typewriter lill-halliel) Ghal issa poggi hemm. Mita dhalt l-ewwel darba f'dan l-officcju kont wassalt...?

Hall (Ipoggi) Ghoxrin kelma fis-sekonda, avukat.

Avu Ghal principjant mhux hazin...(Pawsa) Naf nghid li ghamiltli kummiedja shiha....

Hall Kemm tkun haga sabiha, avukat, kieku fil-hajja vera kull

kummiedja tispicca b'halliel nieqes u ... b'segretarju zejjed!

Pawl (Jidhol mill-intrata) Avukat, il-klienti qeghdin jistennew bil-hniena biex nibdew indahhluhom. Ilhom jistennew hafna.

Avu Ghandhom ragun... insejthom ghal kollox. Dahhal l-ewwel wiehed, Pawl. (Pawlu jerga jmur lejn l-intrata) (Lill-halliel) Mela naghtu ruhna ghax-xoghol. (Fl-intrata jinstema Pawlu jistaqsi: )

Pawl Min hu l-ewwel, sinjuri?(Lehnijiet) (Xi tnejn) Jien!

Avu U issa, sur Guze, noqoghdu attenti t-tnejn li ma nergghux xxxxx nizbaljaw il-<u>Karriera</u>!

P U R T I E R A

-----------------

--------------

-----------